MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' April, 2010

Talba Numru. 466/2008

**Jessica Joan Park (ID-49391M)**

**Vs**

**Carl Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Ottubru 2008 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' €321.45c (tlett mija, wiehed u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu) rapprezentanti salarji tax-xoghol li hija hadmet fir-restaurant tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 7 ta' April 2008 kontra l-konvenut.

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien gie debitament notifikat, b'dawn il-proceduri, huwa baqa ma deherx u ma

pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi ghalkemm debitament imsejjah biex jidher ghas-seduta tal-24 ta Marzu 2010 huwa naqas li jaghmel dan;

Ra li wkoll li l-konvenut baqa ma wegibx u anqas ma deher ghal mistoqsijiet impoggija lilu in subizzjoni la fis-seduta tat-24 ta' Marzu 2010 meta gie prezentat il-kapitolu relattiv u anqas ghas-seduta tallum u ghalhekk dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala debitament mistqarra mill-istess konvenut.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess attrici s-somma mitluba ta' €321.45c (tlett mija, wiehed u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kif rikjesti a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------